**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 14 ta' Marzu, 2016**

Numru 12

**Rikors Nru. 1046/2015**

**Angele Agius**

**vs**

**Xiaomei Gong**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici tas-6 ta' Novembru 2015 li jghid hekk:

a. Illi hija sid ta' tlett kwarti indivizi tal-fond Ii jinsab numru erbgha u tletin (34) Triq tad-Dawl, Zebbug Malta u dan kif jirrizulta l-annessi zewg kuntratti tal-akkwist markati Dok. A u Dok. B rispettivament;

b. Illi l-intimata qabdet u dahlet f'dan il-fond minghajr l-permess tar-rikorrenti u anke bidlet is-serratura tal-istess fond;

c. Illi ghalkemm interpellata b'ittra ufficjali tat-12 ta' Gunju 2015 biex tizgombra minn l-imsemmi fond I-intimata baqghet inademppjenti Dok. C;

d. IIli l-intimata ma ghandha ebda titolu fuq l-istess fond u ma ghandhiex difiza x'taghmel u ghalhekk din il-kawza tista' tinqata' bil-procedura tal-giljottina ai termini ta' dak Ii jipprovdi l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tal-affidavit tar-rikorrenti atturi annessi u markati Dok. D;

e. Illi ghalhekk kellha ssir din I-kawza biex I-intimata tigi zgumbrata mill-fond Ii jinsab numru erbgha u tletin (34) Triq tad-Dawl, Zebbug Malta.

Ghaldaqstant tghid I-intimata ghaliex din I-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. tordna li din l-kawza tigi trattata u deciza skond l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bid-dispensa tas-smigh;

2. tawtorizza lir-rikorrenti li tirriprendi lura l-pussess tal-fond li jinsab numru erbgha u tletin (34) Triq tad-Dawl, Zebbug Malta;

3. tordna lill-intimat tirritorna c-cwievet u tivvaka mill-imsemmi fond immedjatament.

Bl-ispejjez kontra l-intimati inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Gunju 2015 li minn issa ingunta in subizzjoni jekk ikun il-kaz u b'rizerva ghad-danni.

Rat li din hi kawza maghmula skond l-artikolu 167 tal-Kap. 12;

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx fis-seduta ffissata;

Rat li l-konvenuta pero kienet ipprezentat risposta guramentata fl-atti bla giet awtorizzata taghmel dan u billi din hi kawza fejn il-konvenuta kellha tkun prezenti ghas-seduta ffissata u tiddikjara jekk kellhiex risposta x'taghmel kontra t-talba attrici, naqaset milli tattendi, ir-riposta giet dikjarata inammissibbli u sfilzata;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza a bazi tal-artikolu 170(1) tal-Kap. 12;

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza maghmula a bazi tal-artikolu 167(1)(b) tal-Kap. 12 ghall-izgumbrament tal-konvenuta billi qed jigi allegat li din ma ghandhiex titolu. Tali talba hi ammissibbli quddiem il-Prim Awla billi l-kompetenza hi determinata minn natura tal-azzjoni attrici u f'dan il-kaz, l-attrici qed tallega li l-konvenuta ma tgawdi minn ebda titolu fuq il-fond, u ghalhekk it-talba hi wahda cara ta' zgumbrament ta' okkupant bla titolu (ara **George Falzon et vs Raymond Buttigieg et**, App 28/03/2014).

Din il-kawza qed issir minn koprorjetarju tal-fond li minnu qed jintalab l-izgumbrament tal-konvenuta. Hu lecitu ghal koproprjetarju li jitlob ghall-izgumbrament ta' okkupant ta' fond li jiddetjeni bla ebda titolu u dan anki minghajr il-participazzjoni jew kunsens tal-koproprjetarji l-ohra (ara **Anton Meilaq et vs Guzeppi Zammit et**, App 23/01/2004).

L-attrici ppruvat li hi koproprjetarja ta' tlett kwarti sehem indiviz tal-fond 34 Triq id-Dawl, Zebbug Malta u dan skond il-kuntratti ta' akkwist tal-20 ta' Awwissu 1997 (fol. 3 et seq. tal-process) u 7 ta' April 2015 (fol. 5 et seq. tal-process). L-attrici bil-gurament stqarret illi hi ma kkonsentrietx bl-ebda mod li l-konvenuta tokkupa l-fond in kwistjoni u nonostante interpellatha tizgombra b'ittra ufficjali tat-12 ta' Gunju 2015, din baqghet inadempjenti u lanqas irrispondiet

Il-Qorti hi sodisfatta li l-attrici ottemperat ruhha mal-elementi procedurali impost fl-artikolu 167 tal-Kap. 12 biex tmexxi din il-kawza u li l-konvenuta ma ghandha ebda jedd tokkupa l-fond.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, u tawtorizza lil attrici tirriprendi l-pussess tal-fond numru 34 Triq id-Dawl, Zebbug Malta minghand il-konvenuta, u tordna lil konvenuta tivvaka l-fond fi zmien gimgha millum u tirritorna kull cavetta tal-fond fil-pussess taghha. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur